Minn Clifford Galea



# San Ġużepp Ħaddiem

Insellem lilkom għeżież ħuti Ġużeppini! Nispera li lkoll tinsabu tajbin. Ta' kull sena jkun ta' unur għalija li nikteb informattiv u interessanti. Iddeċidejt li nikteb fuq suġġett ovjament relatat ma' San Ġużepp, pero dwar San Ġużepp Ħaddiem ġewwa Birkirkara. Ir-raħal ta' Birkirkara kien u għadu wieħed mill-iktar irħula popolari li nsibu ġewwa Malta. Kien għalhekk li fis-sittinijiet, il-Kapitlu u l-Prepostu tal-Bażilika Sant'Elena Dun Injazju Sciberras Psaila, bdew ifittxu biċċa art li fuqha tinbena din il-knisja ġdida. Dan sar biex il-ħidma pastorali ġewwa Birkirakara titwettaq aħjar.



Il-benefattur ta' din l-art kien is-Sur Joseph Zerafa li offra biċċa art li tiġi bejn Trejqet Anġlu Mallia (illum magħrufa bħala Triq F.S. Caruana) u Triq il-Bwieraq. Il-pjanti tal-knisja nħadmu mill-periti Mortimer u Degiorgio u ttellgħet mill-imgħallem Abraham Schembri.

Fit-12 ta' Settembru 1965, tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja waqt ċerimonja mmexxija minn Mons Arċisqof Mikiel Gonzi. Tista' tgħid li x-xogħol fuq il-knisja baqa' tiela' b'rittmu mgħaġġel u sentejn wara t-tqegħid tal-ewwel ġebla, il-knisja kienet kważi lesta.

Nhar l-1 ta' Mejju 1967, ġiet ċelebrata l-ewwel quddiesa f'din il-knisja li kellu jkollha bħala qaddis titulari lil San Ġużepp Ħaddiem u hekk il-knisja saret knisja sagramentali.

Fid-29 ta' April 1968, l-Arċisqof Mons Mikiel Gonzi bierek il-knisja u b'hekk kien tlesta għal kollox il-bini kif ukoll l-attrezzaturi meħtieġa kollha. Sa dan iż-żmien, fil-knisja kien qed isir quddies kuljum b'mod regolari. Il-bini fiż-żona tal-knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem, iktar ma beda jgħaddi ż-żmien, iktar beda jikber, u allura nħass aktar il-bżonn li din il-knisja tkun tista' taqdi l-bżonnijiet spiritwali kollha tan-nies tal-inħawi.

Kien għalhekk li fil-15 ta' Ġunju 1969, Mons Arċisqof Mikiel Gonzi, waqqaf il-knisja bħala Viċi Parroċċa bis-setgħat u d-dmirijiet kollha ta' Parroċċa. Fl-istess digriet, l-Arċisqof ħabbar ukoll li kien innomina lil Kanonku Dun Karm Aquilina bħala Vigarju Kurat ta' din il-Viċi Parroċċa u wkoll ġew mogħtija lilha l-limiti territorjali tagħha.

B'hekk issa l-knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem setgħet tiffunzjona bħala Parroċċa u bdew jiġu ċelebrati l-funzjonijiet ewlenin kollha ta' matul is-sena liturġika. Il-Vigarju Kurat Dun Karm Aquilina, mill-ewwel beda jorganizza l-ħidma pastorali f'din il-komunità l-ġdida. Fis-27 ta' Ġunju 1971, saret għall-ewwel darba l-festa titulari ta' San Ġużepp Ħaddiem. Fit-tieni festa li saret, jiġifieri fl-1972, ġew inawgurati l-istatwa ta' San Ġużepp Ħaddiem li toħroġ fil-purċissjoni tal-festa, kif ukoll l-istatwa tal-Madonna. Dawn iż-żewġ statwi nħadmu f'Ortisei, raħal ħdejn Bolzano, mill-iskultur Vincenzo Moroder fuq disinn tal-Kavallier Emvin Cremona.

## Kappillani li servew fil-Parroċċa mill-1973

- Dun Karm Aquilina (Mejju 1973 sa Awwissu 1979)
- Dun Ġużepp Mifsud Bonnici (Amministratur sa Diċembru 1979)
- Dun Salvin Micallef (Jannar 1980 sa Novembru 1989)
- Dun Vincenz Demicoli (Diċembru 1990 sa Settembru 1996)
- Dun Mario Tong (Ottubru 1996 sa Awwissu 2003)
- Dun Michael Bugeja (Settembru 2003 sa )

Ser nieqaf hawn. Minn qalbi grazzi talli tajtuni dan l-ispazju fil-ktejjeb tagħkom u nawguralkom bħal dejjem festa kbira u mimlija ġieħ lill-Patrun kbir San Ġużepp! Jalla jżomm idejh mhux biss fuq l-Għaxqin imma wkoll fuq il-poplu Malti kollu! Tislijiet sinċieri.

**Referenzi:**
http://www.sanguzepphaddiem.com/